DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI (UE) 2022/435 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-8 ta' Marzu 2022

li temenda d-Deċiżjoni 2010/275/UE dwar il-ġestjoni ta' self bilaterali kollettiv għall-benefiċċju tar-Repubblika Ellenika (BĊE/2022/9)

Il-BORD EŻEKUTTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 132 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikoli 17 u 21 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-remunerazzjoni tad-depożiti miżmuma mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) kif previst fid-Deċiżjoni 2010/275/UE tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2010/4) ([1]) għandha tiġi allinjata mar-remunerazzjoni tad-depożiti tal-gvern skont il-Linja Gwida (UE) 2019/671 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2019/7) ([2]), sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fir-remunerazzjoni ta' depożiti komparabbli madwar l-Eurosistema.

(2) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni 2010/275/UE (BĊE/2010/4) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emenda

L-Artikolu 5 tad-Decizjoni 2010/275/UE (BCE/2010/4) huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

Remunerazzjoni

Il-kont miżmum mal-BĊE f'isem is-Selliefa għandu jiġi remunerat kif ġej:

(a) jekk ir-rata tal-faċilità ta' depożitu fil-jum kalendarju rilevanti tkun żero jew ogħla (pożittiva), b'żero fil-mija jew ir-rata tal-euro fuq terminu qasir (€STR), liema minnhom tkun l-aktar baxxa;

(b) jekk ir-rata tal-faċilità ta' depożitu fil-jum kalendarju rilevanti tkun inqas minn żero (negattiva), bir-rata tal-faċilità ta' depożitu jew bir-rata tal-euro fuq terminu qasir (€STR), liema minnhom tkun l-aktar baxxa.".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-hames jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

([1]) Id-Deċiżjoni 2010/275/UE tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-10 ta' Mejju 2010 dwar il-ġestjoni ta' self bilaterali kollettiv għall-benefiċċju tar-Repubblika Ellenika u li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2007/7 (BĊE/2010/4), (ĠU L 119, 13.5.2010, p. 24.)

([2]) Linja Gwida (UE) 2019/671 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-9 ta' April 2019 dwar operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet domestiċi mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊE/2019/7) (ĠU L 113, 29.4.2019, p. 11).

Għandha tapplika mill-4 ta' April 2022.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-8 ta' Marzu 2022.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE